**TAL-PIETA`**

# MINUTI

## It-tmien Legislatura - SEDUTA Nru. 23

It Tlieta, 25 ta' Mejju, 2021

Il-Kunsill Lokali ta' Tal-Pieta` ltaqa' fl-Ufficcju tieghu, 11, Il-Pellikan, Triq K. Mifsud, Tal-Pieta`, fl-4.00 p.m.

Is-Sindku Keith Tanti ippresieda.

**PREZENTI**

Kienu prezenti s-Sindku Keith Tanti, il-Vici Sindku Zoya Attard u l-Kunsillieri Anthony Camilleri u Mark Pisani.

Il-Kunsillier Josef Fitzpatrick informa li kien xoghol u ghalhekk gie skuzat.

**TALBA**

Is-Sindku qal it-talba.

## 1. MINUTI

*1.1* Il-minuti tas-Seduta Nru. 22 li saret nhar it-Tlieta, 23 ta' Marzu, 2021, kienu approvati.

## 2. QARI TAL-ITTRI TA' APOLOGIJI

*2.1* Tressqet quddiem il-Kunsill l-ittra ta' apologija minghand ll-Kunsillier Josef Fitzpatrick li nforma li kien ser ikun xoghol u li ghalhekk gie skuzat.

## 3 HWEJJEG LI JIRRIZULTAW MILL-MINUTI

*3.1* ***Progetti permezz ta' fondi mill-Agenzija LESA***. L-applikazzjoni tal-Kunsill kienet saret u tressqet ghand il-LESA.

## 4 IL-BRING IN SITES MADWAR IL-LOKALITA`

*4.1* Is-Sindku qal u kien hemm qbil unanimu minn kulhadd li kulfejn hemm il-bring in sites qed ikun hemm diversi abbuzi u problemi bl-iskart. Ghalhekk issuggerixxa li jitnehhew dawk li hemm fi Triq Pietru Xuereb u l-Kunsill jara ma' Greenpak kif se tissolva l-problema f'dawk ta' hdejn il-kazin tal-football.

*4.2* Is-Segretarju Ezekuttiv ressaq ghall-attenzjoni tal-Kunsill ittra mill-ERA dwar emenda fir-regolamenti dwar l-iskart fejn gie amendat li l-Kunsill Lokali irid jipprovdi spazju ghal bring in site ghal kull elfejn abitant.

*4.3* Il-Kunsill unanimament qabel li jitnehhew l-iskips tal-Bring In Site ta' Triq Pietru Xuereb.

## 5 KORRISPONDENZA

*5.1* Tressqet quddiem il-Kunsill, talba li tressqet lil TM ghal parkegg riservat ghal persuna li ghandha nuqqas ta' mobilita` fi Triq San Guzepp. Il-Kunsill unanimament approva din it-talba.

## 6 MISTOQSIJIET

*6.1* Il-Kunsillier Camilleri staqsa x'xoghol kien fadal fi Pjazza San Luqa. Is-Segretarju Ezekuttiv spjega x-xoghol li kien ghad fadal sabiex jingieb il-compliance tal-PA.

***6.2*** Il-Kunsillier Pisani staqsa fiex kien wasal ix-xoghol fi Pjazza Madonna ta' Fatima. Is-Sindku informa li ricentament ix-xoghol rega' tkompla u jonqos qbil dwar l-imprint concrete.

**7 KOMUNIKAZZJONI TAS-SINDKU**

***7.1*** Ma kienx hemm komunikazzjoni mis-Sindku.

**8 APPROVAZZJONI TAL-HLASIJIET FIX-*SCHEDULE OF PAYMENTS***

***8.1*** Is-Sindku, ssekondat mill-Vici Sindku, ressaq mozzjoni sabiex jigi approvat il-hlas tal-pagamenti li huma mnizzla fuq ix-*Schedule of Payments* Nru. 22. Il-mozzjoni ghaddiet *nem.con.*

**9. TMIEM**

***9.1*** Fl-4.30pm intemmet is-Seduta. Kien hemm qbil li s-seduta li jmiss issir nhar it-Tlieta, 22 ta' Gunju, 2021, fl-4.00pm.

Simon Cauchi
Segretarju Ezekuttiv

**Konfermati:**

Keith Tanti
Sindku